**15 ta' Settembru, 1962.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmela Spiteri ne.

*versus*

Carmela Gaffarena

**Appell — Kontumaċja — Subizzjoni — Kapitolu — Sentenza — Nullità.**

*Ordinarjament, meta s-sentenza tkun ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati in bażi għall-kapitolu ritenut konfessat, il-parti sokkombenti ma tiġix mismugħa qabel ma tiġġustifika l-kontumaċja tagħha; iżda jista' jkun hemm kwistjoni jekk il-kapitolu kienx sewwa, u għalhekk jekk kienx hemm veramení il-konfessjoni preżunta.*

*Kapitolu li fih jingħad li jrid jiġi pruvat li l-konvenut huwa debitur lejn l-attur fis-somma ndikata fl-avviż huwa difettus, għax ma jingħadx ukoll fih li dik is-somma hija dovuta "għar-raġunijiet indikati fl-istess avviż". F'każ simili, il-konfessjoni hija defiċjenti u limitata, u ma hix ta' ostakolu għall-appell. Is-sentenza, mbgħad, li takkolji t-talba fuq kapitolu hekk konċepit hi nulla; u hemm lok li l-kawża tiġi rimandata lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u deċiżjoni tagħha.*

B'avviż preżentat quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta l-imsemmija Spiteri nomine talbet il-kundanna

tal-imsemmija Gaffarena għall-ħlas ta' £10 in restituzzjoni ta' kapparra mogħtija in okkażjoni ta' lokazzjoni ta' dar Trieq l-Arċisqof Mattei, l-Isla; liema lokazzjoni ma seħħetx minħabba fiċ-ċitata; bl-ispejjeż;

Peress li ċ-ċitata baqgħet kontumaċi, l-attriċi nomine ppreżentat il-kapitolu fol. 4, u fuqu l-Ewwel Qorti, wara li rritenietu konfessat stante li ċ-ċitata ma dehretx għas-subizzjoni, b'sentenza tagħha tat-12 ta' Awissu 1962 akkoljiet l-istanza; bl-ispejjeż;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Ordinarjament meta s-sentenza tkun ġiet mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati in bażi għall-kapitolu ritenut konfessat, il-parti sokkombenti mhijiex mismugħa fl-appell qabel ma tiġġustifika l-kontumaċja tagħha; u dan hu loġiku, għaliex, sakemm ma ssirx il-purgazzjoni tal-kontumaċja, is-sokkombent għandu kontra tiegħu l-ostakolu tal-konfessjoni. Il-kontumaċja tiġi ġustifikata bil-prova ta' xi kawża ritenuta, skond il-ġurisprudenza kostanti in propożitu, bħala kawża leġittima li mpediet lis-sokkombent milli jidher għas-subizzjoni;

Iżda jista' jkun hemm lok għal kwistjoni preambula, ċjoè jekk il-kapitolu kienx sewwa, u għalhekk jekk kienx hemm verament il-konfessjoni preżunta;

Tali hija l-kwistjoni f'din il-kawża. Il-kapitolu fol. 4 huwa difettus in kwantu li, mentri fih jingħad li l-attriċi nomine trid tipprova li ċ-ċitata hija debitriċi fl-ammont imsemmi fl-avviż, ma jingħadx, kif inhu "ex stylo", illi ċ-ċitata hija hekk debitriċi "għar-raġunijiet indikati fl-avviż". Għandu jiġi notat li din mhijiex affattu mera formalità akkademika, imma hija invece element ferm sostanzjali f'materja hekk delikata u gravi kif inhi dik tal-konfessjoni preżunta. Infatti, kif jidher mid-dispożizzjonijiet tal-liġi proċedurali in materja "passim", dak li jiġi ritenut konfessat fin-nuqqas ta' komparizzjoni tal-parti hu l-kapitolu, tali kif inhu, u xejn aktar, bla ma tista' tiġi bl-ebda man-

jiera estiża dik il-konfessjoni — "tantum confessum quantum capitulatum". Kien ikun inġust li l-konfessjoni preżunta (li diġa' hija biżżejjed gravuża) tiġi allargata oltre l-kapitolu. Mela, f'dan il-każ, dak li ġie konfessat miċċitata hu biss li hija debitriċi tal-attriċi nomine fis-somma ndikata fl-avviż, iżda ma ġiex konfessat bl-ebda manjiera li hija debitriċi tagħha għar-raġunijiet indikati fl-avviż, ċjoè in restituzzjoni ta' kapparra mogħtija fl-okkażjoni ta' lokazzjoni. Għalhekk jiġi, bħala konsegwenza loġika ta' dan li ngħad, li l-Ewwel Qorti li kellha quddiemha biss il-prova riżultanti mill-kapitolu "ut sic", ma setgħetx tilqa' t-talba, għax ma kienx hemm ebda prova ta' xejn li ċ-ċitata kellha verament tagħti lill-attriċi nomine £10 in restituzzjoni ta' kapparra kif hemm fl-avviż, imma biss li kellha tagħtiha £10 , li "ex hypothesi" setgħu kienu dovuti għal xi kawżali oħra diversa minn dik tal-avviż, jew anki talvolta, "ex hypothesi", għal xi kawżali riprovata mill-liġi. Mela mhix biss il-kapitolu kien defiċjenti, u l-konfessjoni preżunta pariment defiċjenti, imma s-sentenza kienet nulla, għax ma kienx hemm ebda prova li ssostniha. Hawn mhix kwistjoni ta' apprezzament ta' provi, imma kwistjoni ta' ineżistenza ta' prova, li ġġib in-nullità tas-sentenza, kif sewwa rriteniet din l-istess Qorti, allura presjeduta mill-kompjant Imħallef Professur Dr. Edgar Ganado fil-kawża "Ellul utrinque", 30 ta' Marzu 1949 (kollez. Vol. XXXIII-I-832). Jiżdied li dik il-konfessjoni, hekk defiċjenti u limitata, mhijiex ta' ostakolu għall-appell;

Ordinarjament, din il-Qorti tista', wara li tiddikjara li ma hemmx l-ostakolu tal-konfessjoni preżunta, tgħaddi biex tisma hi stess il-provi u tiddeċidi l-kawża, iżda din il-Qorti sejra invece tadotta proċedura diversa; għal dawn ir-raġunijiet:—

1. Din il-proċedura diversa ġiet segwita fil-kawża ċitata "supra" tal-Vol. XXXIII;

2. Hu deżiderabbli li jkun hemm il-benefiċċju "doppio esame" fil-meritu;

3. Ġie deċiż li l-każijiet li fihom it-Tieni Qorti tista' tirrinvija l-attijiet lill-Ewwel Qorti mhumiex biss dawk im-

semmijin fl-art. 231 Kap. 15 Ediz. Riv., li ma humiex tassattivi imma r-rinviju jista' jsir għal kull każ ieħor li fih il-Qorti tat-Tieni Grad ikun jidhrilha spedjenti li jsir hekk fl-interess tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja (ara deċiż. in parte App. Sup. "Gèrada vs. Dr. Caruana", 25 ta' April 1958; u ara wkoll Kollez. Vol. VII, paġ. 59, prima colonna in prim.);

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tipprovvedi fuq l-appell b'dan il-mod:— Tiddikjara li ma hemmx għal dan l-appell l-ostakolu tal-konfessjoni preżunta, għax il-kapitolu ma jwassalx għal konfessjoni tal-istanza, "uti supra"; tiddikjara nulla s-sentenza appellata, in kwantu bażata fuq prova unika li hi fil-fatt ineżistenti; u, attiżi ċ-ċirkustanzi tal-każ, tordna li l-ispejjeż jitħallsu nofs kull wieħed mil-kontendenti, id-dritt tar-Reġistru bin-nofs. Tordna, in fine, li l-attijiet tal-kawża jiġu rimandati lill-Ewwel Qorti għat-trattazzjoni u deċiżjoni tal-kawża.

---

**Tmien tal-Ewwel Parti**
**tal-Volum XLVI**

---